MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 118/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**
**Simon Baldacchino Barthet**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer bejn April u Mejju, 2000 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' LM 1275.50, liema ammont huwa iktar minn hames mitt lira, billi pprezenta cekkijiet tal-Bank of

Valletta lil Meli Bugeja Limited ghad-detriment tal-Bank of Valletta, Meli Bugeja Limited u persuni ohra, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 t’April, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li ddikjarat li l-appellant ma kienx qed jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 308, izda jirrizulta r-reat ta’ frodi nnominata kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu w, b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tlettax (13) il-xahar sospiza ghal perjodu ta’ sentejn (2).
Ordnat lill-appellant ai termini tal-artikolu 28H (1) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex ihallas l-ekwivalenti f’Euro tas-somma ta’ elf, mitejn u hamsa w sebghin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM1275.50) lis-socjeta’ Meli Bugeja Limited u dan sa zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta’ Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata nkwantu din sabitu hati tal-akkuza dedotta ai termini tal-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 u minflok tiddikjarah mhux hati tal-akkuza dedotta w tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- Li gjaladarba l-Ewwel Qorti accettat bhala veritjiera l-versjoni tal-appellant ta' kif graw il-fatti w li hu ma kien ikkreja ebda *messa in scena* kif kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, s-sejbien ta' htija taht l-artikoli 309 u 310 tal-Kap.9 huwa bbazat fuq zball fl-apprezzament tal-fatti. Di fatti, kif xehed l-appellant, meta hu kien hareg il-*post dated cheques* hu kien ghadu ma giex truffat mill-klient Taljan. Dat-Taljan ma kienx hallas

ghall-konsenja tal-gibs li l-appellant kien xtara minnghand Meli Bugeja Limited appozitament ghall-istess Taljan. Ghalhekk hu ovvju li meta l-appellant hareg il-*post dated cheques* lil Meli Bugeja Ltd., kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, huwa ma kienx jaf li dawn ic-*cheques* ma kienux ser jigu onorati ghaliex ma kienx ghadu jaf li l-klient Taljan kien ser jidhaq bih u ma jhallsux.

Semghet ix-xiehda ta' Dr. Albert Libreri li xehed dwar il-pagamenti li kienu saru akkont sa dak iz-zmien u esebixxa ukoll kopja ta' ittra datata 11 ta' Settembru, 2008 minnu mibghuta lil Meli Bugeja Ltd.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in Nota tal-appellant tal-4 ta' Novembru, 2008, li biha esebixxa kopja ta' ittra Dok. SBB 1 u kopji ta' ricevuti kollha tal-pagamenti effettwati lis-socjeta' Meli Bugeja Ltd , hlief wahda li ma ntbaghtitx : Dok. SBB2 u SBB 3 u li minnhom jidher li issa l-ammont kollu gie saldat.

Ikkonsidrat;

Illi l-appell hu bazat fuq l-apprezzament hazin tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens *“inter alia*” l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs.**

**Raymond Psaila et.”** [12.5.94]; **“Ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi”**[14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .

“Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **“R. v. Cooper”** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very *reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Ghalhekk din il-Qorti regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process w tal-motivazzjoni w tal-motivazzjoni kontenuta fis-sentenza appellata biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar ir-reat ta' qliegh b' qerq kontemplat fl-artikolu 309 bil-kwalifika dwar l-ammont ghall-fini tal-piena, kontenuta fl-artikolu 310 (1).

Illi l-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-provi traskritti huma fil-qosor is-segwenti :- L-appellant, li fis-sena 2000 kellu dsatax il-sena, kien waqqaf kumpanija li l-ghan taghha kien li jforni lin-nies b' materjal ghall-*finishing* tad-djar, kien jixtri bl-ingrossa minnghand diversi *suppliers* fosthom id-ditta Meli Bugeja Limited. Hu kien ibiegh din il-merkanzija bl-imnut mill-hanut tieghu lill-klienti tieghu. Inizjalment l-appellant kien ihallas *cash* lil din id-ditta izda wara beda jixtri *"in bulk"* u f' April u Mejju, 2000, kien xtara erba partiti

ta' merkanzija w talab u ottjena l-kunsens tal-istess ditta biex ihallasha b' erba *post dated cheques* tal-kumpanija Interior Supplies Limited, li l-uniku firmatarju taghhom kien hu, liema *cheques* kellhom jissarfu f' dati differenti (fols. 22 sa 35) wara li hu jkun xtara l-konsenja rispettiva tal-merkanzija minn ghandha. Dan skond l-appellant kien ghamlu biex ikun jilhaq ibiegh il-merkanzija lill-klienti tieghu w b' hekk ikun jista' jhallas. Gara pero' li, skond l-appellant, hu ngidem minn klienti - fosthom certu Taljan, Gianfranco Lapparelli li kellu jaghtih fuq l-LM2000 skond il-fattura Dok. SB 1 u siefer minn Malta - li ma hallsuhx u c-*cheques* ma gewx onorati. Hu spjega li ghalkemm l-*invoice date* fuq Dok. SB 1 hi dik tas-7 ta' Frar, 2001, kienet turi l-*order date* tas-6 ta' Marzu, 2000.

Illi l-Ewwel Qorti mmotivat is-sentenza appellata fejn ma sabitx htija tar-reat ta' frodi b' eghmil qarrieqi izda biss ta' qliegh b' qerq, billi qalet li ghalkemm ma kienetx tirrizulta il-*messa in scena*, meta l-appellant hareg il-*post dated cheques* u ha l-merkanzija, huwa kien jaf ben tajjeb li dawn ic-*cheques* la setghu jigu onorati dak in-nhar li nhargu w lanqas fid-data indikata fuq l-istess cekkijiet u dan ghaliex huwa ma kellux flus fil-kont u kien jaf li lanqas fid-data li fihom ic-cekkijiet kellhom jigu onorati ma kien ser ikun hemm flus fil-kont ghaliex il-kumpanija kienet qed tirriskontra diffikultajiet finanzjarji. L-appellant stess fil-fatt kien ikkonferma li l-kumpanija kellha diffikultajiet dwar hlasijiet mhux biss mas-socjeta' Meli Bugeja Limited izda ukoll ma *suppliers* ohra li ukoll ghamlu rapport lill-Pulizija izda ma ttiehdux passi fil-konfront tieghu ghaliex huwa wasal f' arrangament maghhom dwar pagamenti rateali tal-ammont dovut.

L-abbli Avukat Prosekutur, Dr. Lara Lanfranco, fil-kors tat-trattazzjoni, ddikjarat li l-Prosekuzzjoni ma kienetx qed tikkontesta d-diffikulta' finanzjarja li kien holoq lill-appellant it-Taljan, pero' kien jidher li kien hemm aktar minn problema finanzjarja wahda w allura jigi li l-appellant kien dahal f' dan l-arrangament ta' pagament b' *post dated cheques* meta kien jaf li ma jistax ihallas.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda ta' Arthur Cassar, Manager tal-Bank of Valletta tal-branch ta' San Gwann, irrizulta li Interior Finishes Supplies Limited, li l-uniku firmatarju taghha kien l-appellant, kienet fethet kont bankarju fid-29 ta' Frar, 2000. F' Mejju tal-istess sena l-kont beda b' bilanc ta' debitu ta' LM242.31c fl-1 ta' Mejju, u dan il-kont f' nofs Mejju kien b' bilanc "in debit" ta' LM82.48c u fit-30 ta' Mejju il-bilanc kien kwazi zero (0). (fols 28 u 29). Il-pozizzjoni tal-kont umbaghad tidher b' mod aktar preciz mill-*bank statements* esebiti (fols. 36 sa 45). Minn dawn l-istatements temergi pozizzjoni fejn il-kont ghalkemm jidher li beda *"in funds"* fix-xhur ta' Marzu w f' parti mix-xahar t' April, fix-xahar ta' Mejju, 2000, kien ghall-hafna zmien *"in debit"* u mhux *"in credit*" u kulltant addirittura ghall-aktar minn elf u sitt mitt lira Maltin.

Illi jidher li l-Ewwel Qorti bbazat il-konkluzzjoni taghha dwar il-htija ta' qliegh b' qerq ossia tal-"frodi innominata" fuq il-kostatazzjoni li meta l-appellant kien hareg l-erba (4) *cheques post dated* mertu ta' din il-kawza kien jaf li ma kellux flus fil-bank u li mhux ser ikollu flus meta dawn jigu biex jigu onorati mill-Bank of Valletta.

Illi skond ir-ricevuti fiskali li kopji taghhom huma esebiti a fol. 26, jidher li l-biegh u konsenji rispettivi li ghalihom inhargu dawn il-*post dated cheques*, saru fis-26 u fit-28 t' April, u fid-9 u fit-12 ta' Mejju, 2000 rispettivament. Fl-ewwel zewg dati il-kont bankarju kien diga' *in debit* kif jidher mill-istatement a fol. 42. L-istess japplika ghat-tieni zewg dati. (fol. 38) Ghalhekk hu ovvju li meta l-appellant irceva dawn il-konsenji kollha w kien hareg ic-*cheques* ghall-hlas rispettiv taghhom, kien jaf li fil-bank ma kellux flus fil-kont imma kien diga' *"in debit".*

Illi f' materja ta' emissjoni ta' cheques li sussegwentement ma jigux onorati mill-Bank li fuqu jkunu inhargu, l-gurisprudenza nostrana esprimiet ruha f' diversi sentenzi.

Hekk, f’ cirkostanzi analogi din il-Qorti diversament preseduta addirittura rriteniet li jkun hemm ir-reat ta’ truffa meta jigi emess cheque li ma jigix onorat mill-bank anki

meta precedentement il-kwerelant gja jkun kellu problemi biex isarraf cheques tal-kwerelat u tali sitwazzjoni b' ebda mod ma tkun tfisser li bejjiegh ikun dispost li jikkonsenja merkanizija *"on account".* Anki fejn umbaghad wara l-appellant ikun hallas, dana xorta wahda ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret . (**"Il-Pulizija vs. Olaf Cini"** [21.6.2002]).

Fil-kawza: **"Il-Pulizija vs. Franco Farrugia"** , (App. Krim. [7.2.1985] Vol. LXIX. P596), gie ritenut li:-

*"Il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus, jista' jkun proprju l-mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali, bil-konsegwenti gwadann ghall-agent"*

Fil-kawza : **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Ellul"**, App. Krim. [20.6.1997] gie ritenut li :-

*"Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga komplikata jew arkitetta b' hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b' kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x' tifhem li ghandha flus meta m' ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b' wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna."*

Hu veru li fil-kaz ta' **Ellul** il-Qorti lliberat mill-akkuza ta' truffa ghax bil-fatt li l-appellant kien baghat cheque lil VAT Department u dan ma ssarrafx, ma setax jinghid li l-qerq tieghu – il-hrug tac-cheque fuq kont vojt – incida (jew seta' jincidi) fuq id-Dipartiment b' mod li dak id-Dipartiment jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li jgib it-telf u l-qliegh imsemmi. Imma l-kaz prezenti hu ghal kollox differenti ghax, minnhabba l-hrug tac-cheques, l-appellant materjalment akkwista l-konsenji tal-merkanzija ghad-dannu patrimonjali ta' min ma kienx jeffettwa tali konsenja jekk mhux versu l-korrispettiv tal-prezz. (ara ukoll **:**

**“Police vs. Anthony Francis Willoughby”** App. Krim. [12.2.1999], **“Il-Pulizja vs. Daniel Frendo”** App. Krim. [5.3.1994] u l-**“Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis”** App. Krim. [2.12.1959] )

Illi umbaghad, ghall-kull buon fini, jissemma ukoll dak li gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell **“Il-Pulizija vs. Francis Debono”** [8.10.1992] li jkun hemm it-tielet element tar-reat ta’ truffa w cioe’ dak tal-qliegh bi hsara ta’ haddiehor anki fejn kienu gew emessi zewg *cheques* bl-intiza bejn l-emittent u r-ricevitur tac-*cheques* li kellhom ikunu *“post-dated”*, meta wiehed minnhom sussegwentement ma ssarrafx fid-data li suppost ikollu jissarraf fiha.

F’ il-kaz ta’ **Debono** pero’ din il-Qorti kienet laqghet l-appell u rrevokat decizjoni ta’ htija ta’ truffa ghaliex, fil-waqt li qed johrog ic-*cheque,* l-emittent Debono kien wera bic-car li c-*cheque* x’ aktarx mhux ser ikun possibbli li jissarraf fid-data vicina li kien qed jinsisti ghaliha l-kreditur f’dak il-kaz hu kien qal lill-kreditur li kien qed jaghafsu hafna bl-insistenza tieghu ghal dak ic-*cheque.* Ghalhekk il-Qorti rriteniet li f’ dak il-kaz il-kreditur kellu ragonevolment jifhem li kien hemm aktar minn possibilita’ li c-*cheque* li kien insista ghalih hu ma kienx ser jissarraf u ghalhekk kien karenti l-element tal-*mens rea*.

Illi f’ dan il-kaz, ma hemmx dubju li kien hemm l-element tat-telf patrimonjali, ghaliex id-ditta Meli Bugeja Limited telqet minn idejha merkanzija li ma kienetx preparata li titlaq kieku ma kienx ghal fatt li minnghaliha bic-*cheques* in kwistjoni kienet ser tithallas kemm ghall-prezz tal-istess merkanzija kif ukoll il-profitt legittimu taghha. Dan it-telf patrimonjali kien zgur jissussisti fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat u cioe’ meta, biex jakkwista l-konsenja tal-merkanzija*,* l-appellant emetta *cheques* li kien jaf  li ma setghux jissarrfu w  fil-fatt baqghu ma ssarrfux. Lanqas ma rrizulta bhal ma rrizulta fil-kaz ta' Debono, li l-appellant , meta emmetta l-*post dated cheques,* kien b' xi mod nebbah lill-Diego Attard - li kien qed jagixxi ghan-nom ta' Meli Bugeja Limited - li kien

hemm xi biza' jew perikolu li c-*cheques* setghu ma jigux onorati.

Hu minnu li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma sabitx htija taht l-artikolu 308, imma dan ghamlitu mhux ghax ma kienx hemm il-qerq biex minnu jsir il-qliegh, imma ghax dan il-qerq ma kienx akkompanjat mill-*messa in scena* li hi element indispensabbli biex tinstab htija tar-reat ta' truffa kontemplat f' dak l-artikolu.

Pero' dan ma jfissirx li ma jissussistix ir-reat kompriz u involut ta' frodi innominata skond l-artikolu 309 u ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li fil-waqt li lliberat mill-akkuza ta' truffa, sabet htija tal-frodi innominata.

Ghalhekk l-aggravju principali dwar il-htija riskontrata mill-Ewwel Qorti qed jigi respint.

Illi Ghalkemm ma saret ebda talba sussidjarja ghar-riforma tal-piena, din il-Qorti tqis li in vista tal-izvilupp pozittiv li sar fil-mori ta' dan l-appell meta l-appellant hallas lis-socjeta' Meli Bugeja Limited l-ammont kollu dovut - zvilupp li ma kienx jezisti meta l-Ewwel Qorti tat is-sentenza appellata - kif ukoll in vista tal-kondotta incensurata tal-appellant fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat, hu l-kaz li l-provvediment taht l-artikolu 28A tal-Kap.9 li bih l-appellant gie kundannat ghall-piena karcerarja ta' tlettax il-xahar sospiza ghall-periodu ta' sentejn jinbidel f' wiehed ta' liberazzjoni kondizzjonata skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre, peress li gie pruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-appellant, tramite l-Avukat tieghu Dr. Albert Libreri, hallas lis-socjeta' Meli Bugeja Limited, is-somma totali ta' €2971.12 originarjament minnu dovuta, jidher li hemm lok ghar-revoka tal-ordni ghall-hlas li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mill-akkuza

ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali w in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta' frodi innominata skond l-artikolu 309 bil-kwalifika kontemplata fl-artikolu 310 (1), tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal tlettax il-xahar prigunerija sospiza ghall-sentejn u fejn ordnat lill-appellant biex ihallas l-ekwivalenti f' Ewro tas-somma ta' elf, mitejn u hamsa w sebghin lira Maltin u hamsin centezmu lis-socjeta' Meli Bugeja Limited u dan fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar, u minnflok tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------